MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2012

Avviz Numru. 145/2012

**Enrico Travel Limited (C11360)**

**Vs**

**Robert Micallef (Karta tal-identita’ numru 137874M)**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ erbat elef, seba’ mija u sbatax-il ewro, hamsin centezmu (€4,717.50) dovuti minnek lilha ghall-prezz ta’ biljetti tal-ivjaggar lilek provduti u kkonsenjati mis-socjeta’ attrici fuq inkarigu tieghek.

Bl-imghax dekorribbli mis-26 ta’ Settembru, 2011, data tal-ahhar provvista, u bl-ispejjez kontrik komprizi dawk tal-ittra bonarja tas-27 ta’ Marzu, 2012.

Inti ngunt biex tidher ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta’ Mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament, b’hekk l-istess ammont u spejjez jigu ppruvati (Artikoli 698 u 702(3)(b) Procedura Civili)

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenut naqas milli jidher fl-10 t’Ottubru, 2012 meta gew ppresentati l-Kapitoli u lanqas illum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erbat elef seba’ mija u sbatax-il ewro, hamsin centezmu (€4,717.50) bl-imghax legali mis-26 ta’ Settembru, 2011 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-ittra bonarja tas-27 ta’ Marzu, 2012.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------